

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ftehimiet restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2008 dwar abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ COMP/39.180 – Fluwordu tal-aluminju**

**Rapporteur: L-Awstrija**

(2011/C 40/10)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-fatti bħala ftehim u/jew prattika miftiehma fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni li għamlet il-Kummissjoni fir-rigward tal-prodotti u taż-żona ġeografika milquta mill-kartell.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li l-kartell jikkonstitwixxi infrazzjoni unika u kontinwa.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea rigward id-destinatarji tal-abbozz tad-deċiżjoni, spċificament b'referenza għall-attribuzzjoni ta' responsabbiltà lill-kumpaniji prop-rjetarji tal-gruppi kkonċernati.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li tista' tiġi imposta multa fuq dawk indirizzati mill-abbozz ta' deċiżjoni.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-applikazzjoni magħmula taħt l-Avviż ta' Klementa tal-2002.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-publikazzjoni tal-Opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattiċi ristrettivi u l-pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2008 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar Każ COMP/39.180 – Aluminium fluoride (2)**

**Relatur: L-Awstrija**

(2011/C 40/11)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont bażiku tal-multi.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni proposta rigward immunità u r-rifjut ta' kull tnaqqis ta' multi, bbażata fuq l-Avviż ta' Klementa tal-2002.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont finali tal-multi.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-publikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.